# Il-Mewt

*Ta'* Guże' Chetcuti

*B'tifkira ta' Piju Muscat Azzopardi, M.B.E.*

Rajtu
Fl-aħjar ta' ħajtu,
Żagħżugħ mimli b'kull ħila,
W għaddejt idi qalila
Madwar ġenbejh:
Tfajt star u għattejt għajnejh,
U bistu fuq xofftejh.

Kienet ix-xemx ta' ħajtu, fost dwal ta' ħeġġa w nar,
F'ħuġġieġa ta' lwien sbieħ, qed tiddi f'nofs in-nhar.

Rajtu
Fl-aħjar ta' ħajtu,
Jiżfen u jdur ferrieħ:
Jien għirt għalih,
Sejjaħtlu w hu ħarabni,
Għidtlu biex jiżfen miegħi,
Ridtu fi ħdani, ridtu
Li jkun għal dejjem tiegħi.

Kien fir-rebbiegħa sbejħa ta' ħajja mingħajr djieq,
Kien għadu ta' żgħużitu sew sew fin-nofs tat-triq.

Hieni,
B'xejra ta' qalbieni,
Rajtu jħabrek qatigħ,
Jagħnet u jaħdem sħiħ:
Għalxejn sejjaħtlu ħdejja,
U xħett il-bombi ħdejh:
Hu baqa' jisfidani
Bil-ħarsa ta' għajnejh.

Kien mimli saħħa w hena, ġo ħarstu d-dawl tas-sliem,
Fil-ferħ issibu l-ewwel, fin-niket ta' quddiem.



Rajtu
Fl-aħjar ta' ħajtu,
U fuqu tfajt id-dell
Tal-qilla tiegħi,
U fl-aħħar żifna mgħaġġla
Haddantu miegħi.
U żfinna l-aħħar żifna, bejn sema w art flimkien:
Kien b'saħħtu w mimli ħajja, kien għadu fl-isbaħ żmien.
Fil-ġlieda ta' bejnietna
Sa fl-aħħar irbaħt jien.

11. 9. 45.

— · —

## BALLATA

*Ta'* Ros. Briffa

''Fejn kont għażiż ibni, għażiż ibni xi ġralek;
Għaliex qsamt imwerwer il-għatba ta' darek?''—
''Kont nimraħ fil-wied; fil-wied għażiż'ommi
Tkexkixt jiena b'dehra ta' ċapep ta' demm.''

''Fil-wied għażiż ibni, għażiż ibni minn fejn
Iċ-ċapep ta' dmija li kexkxu l-għajnejn?''—
''Minn dak li nsobt jiena w qtilt għażiż'ommi
Id-dehra li tkexkex ta' ċapep ta' demm.''

''Xi nsobt għażiż ibni, għażiż ibni xi qtilt,
Għaliex hekk imwerwer, f'ġieħ Alla x'għamilt?''—
''Jien qtilt lil żewġ oħti, żewġ oħti għażiż'ommi
Li temm ħajjet oħti bla ċapep ta' demm.''

''Għaliex għażiż ibni, għażiż ibni għaliex
Meddejt taħt il-Forka ta' ħajtek il-friex?''—
''Ħanina l-Mewt kiefra trid tnessi għażiż'ommi
Id-dehra faħxija ta' ċapep ta' demm.''

15. 7. 45.